MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 5/2011

**Mario Attard (K.I. 813053M)**

**vs**

**Direttur Tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-2 ta' Frar 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru,***

*Dehret I Cilia ghad-Direttur,*

*Meta ssejjah l-appell, deher l-appellant assistit mill-Avukat Jose` Herrera. Dehret ukoll ir-rapprezentanta tad-Dipartiment.*

*Xehed l-Avukat Jose` Herrera.*

*Ir-rapprezentant tad-Dipartiment spjega kif waslu ghal valutazzjoni tal-flats in kwistjoni u peress li jidher li d-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata, dan l-appell ghandu jigi michud.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Attard datat 8 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali datata 3 ta' Ottubru 2011 a fol 6 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghall-appellant, Ivan Cilia ghall-istess, u Dr. Jose Herrera ghall-appellat prezenti. Il-Qorti vverbalizzat li t-tezi tal-appellant anke jekk tigi accettata x-xhieda minnu proposta permezz ta' rikors tfisser li apparti l-*penthouse* li jghix fiha l-appellant u l-*flat* li tghix fih martu separata minnu, hemm zewg *flats* ohra fuq ismu li l-valur taghhom hu cirka ta' €100,000 mil-liema valur is-socjeta` Devlands Co. Ltd. ghandha tiehu l-ammont ta' €55,000, li jhalli bilanc ta' €45,000, li skont it-tezi tal-appellant iridu jinqasmu bin-nofs bejn il-konjugi llum separati Attard, u dan iwassal ghal €22,500 kull wiehed. Dr. Fiott opponiet ghall-prezentata tal-affidavit indikat fir-rikors tas-7 ta' Novembru 2011. Il-Qorti fic-cirkostanzi eccezzjonali ta' dan il-kaz qed tammetti l-prezentata ta' tali affidvit. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-10 ta' Jannar 2012.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta' Novembru 20011 fejn irrikjamat l-appell ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Frar 2011.

Rat in-nota pprezentata mill-partijiet datata 30 ta' Novembru 2011 fejn iddikjaraw li jaqblu li d-decizjoni moghtija ma hijiex motivata skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li l-appellat kien applika sabiex jircievi Ghajnuna Ghall-Qaghad fejn kien iddikjara li ma ghandux bini u mezzi skond applikazzjoni datata 27 ta' Awwissu 2002; saret applikazzjoni ohra fil-25 ta' Novembru 2009 fejn gie indikat li ghandu *penthouse* bhala residenza tieghu u tlett *flats* ohra f'Magdelene Court, Triq il-Wied l-Imsida u li dawn inbnew fejn kien hemm qabel id-dar matrimonjali. Fl-istess applikazzjoni hemm deskrizzjoni li l-*flats* mibnija kienu 9, flimkien ma' *penthouse* u *maisonette*, u 7 mill-*flats* kienu tas-sieheb tieghu f'din l-intrapiriza u 2 *flats* u *maisonette* kien ser jaghtihom lit-tfal b'donazzjoni; minhabba din id-dikjarazzjoni minn PA101 datata 25 ta' Novembru 2009 id-Direttur minhabba li ma kienx sodisfatt li l-valur tar-rizorsi kapitali ta'l-appellant ma jeccedix il-limitu ta' €14,000 u/jew li l-appellant ma cahhadx lilhu nnifsu/iddisponiex mill-kapitali sabiex jikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali ta' Dizimpjieg, ha d-decizjoni li jwaaqaf tali Ghajnuna, u fil-13 ta' Jannar 2010 l-appellant ircieva avviz mill-appellat li peress li il-kapital jeccedi u/jew cahhad lilek innifsek mill-kapital gie dediz li ma kienx ghadu intitolat ghal tali Ghajnuna.

Illi fid-19 ta' Jannar 2010 sar appell minn dawn id-decizjonijiet mill-appellat tramite d-difensur tieghu Dr.

Jose' Herrera fejn inghad li 4 appartamenti kienu tas-soscjeta' Devlands Limited sabiex tithallas tax-xoghol li kienet ghamlet sabiex inbniet l-istess blokka, 2 appartamenti ohra inbieghu sabiex jithallas l-istess kontrattur ghall flus dovuti lilhu, u fuq flat iehor kien hemm konvenju li r-rikavat minnu kien ser jithallas ukoll lill-istess kuntrattur; inghad li allura l-appellanti kien baqghlu zewg *flats* li huwa ma kellu ebda introjtu minnhom.

Illi jirrizulta li l-appell instema mill-Arbitru fit-2 ta' Frar 2011 fejn deher rapprezentant tad-Dipartiment u l-appellat odjern assistit minn Dr. Jose' Herrera fejn jidher li xehed Dr. Jose' Herrera u wkoll issotometta li l-kwistjoni ta' valur tal-proprjeta' imsemija fl-Artikolu I Taqsima 1 tat-Tieni Skeda hija applikabbli ghall-artikolu 12 tal-Kap. 318 u allura tirreferi ghall ghal min japplika that it-tieni skeda, meta fil-kaz ta' beneficcju tad-disimpjieg hija materja konsiderata fl-artikolu 30 tal-Ewwel Taqsima tal-Kap. 318 u ghalhekk l-appellant jirregsitra skond it-Taqsima 1 tat-Tielet Skeda u dan kollu kif sottomess lill-istess Arbitru permezz ta' ittra datata proprju 2 ta' Frar 2011.

Illi fid-decizjoni inghad li *"ir-rappresentant tad-Dipartiment spjega kif waslu ghal valutazzjoni tal-flats in kwistjoni u peress li jidher li d-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata, dan l-appell ghandu jigi michud".*

Illi sar l-appell odjern mill-appellant datat 8 ta' Marzu 2011 fejn sostna (a) li l-valur tad-dar residenzjali huwa eskluz minn tali komputazzjoni, u la darba appartament iehor huwa residenza tal-mara tieghu li minnu huwa legalment separat, mela allura l-unika valutazzjoni lit rid tittiehed hija dik ta' appartament wiehed, li fuqu ghandu xi jhallas il-kuntratturi, u l-valur tal-istess li huwa intitolat ghalih l-appellant huwa ta' €28,000, u s-sehem tal-appellant huwa ghalhekk ta' €14,000 u allura ma jaccedix il-valur ta' assi kapitali ndikati mill-ligi.

Illi dwar dan l-appellat ma jaqbilx u dan ghar-ragunijiet indikati fl-imsemmija risposta ta' l-appell li ghaliha qed issir riferenza pero' din il-Qorti tirrileva, anke kif indikat mill-partijiet fin-nota minnhom sottemessa fil-mori ta' dan

l-appell, li d-decizjoni tal-Arbitru bl-ebda mod ma trattat l-lanjanzi li kellha quddiemha, la minn naha u lanqas minn ohra, u wkoll naqset biex tispjega b'xi mod il-mertu tal-vertenza u wkoll kif waslet sabiex accettat il-valutazzjoni forinita mid-Dipartiment, u fuq x'xhiex l-istess hija bbazata.

Illi dan irendi l-istess decizjoni tal-Arbitru bhala wahda li ma hijiex motivata minhabba li tali decizjoni tal-arbitru kienet skarna minn kull konsiderazzjoni fuq il-mertu u b'hekk abbazi tas-sentenzi **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) u **"Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. – 13 ta' Lulju 2001) jirrizulta li ma inghatatx raguni ghaliex u kif il-mertu tal-kaz gie deciz u fil-fatt, kif inghad f'kawzi ohra decizi llum bejn l-istess partjiet jirrizulta li allura minn ezami tal-atti processwali u d-decizjoni tal-Arbitru din il-Qorti thoss li fil-verita' l-Arbitru fid-decizjoni bl-ebda mod ma kkonsidra jew b'xi mod tratta l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiemu u lanqas ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula quddiemu mill-appellant u fuq kollox naqas milli jidhol fil-punt krucjali li kien iddetermina d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

Illi taht dan l-aspett (jekk mhux taht kull aspett) dak kontenut fid-decizjoni tal-Arbitru mertu ta' dan l-appell fl-opinjoni ta' din il-Qorti la jammonta ghall-motivazzjoni tal-istess decizjoni u lanqas jittratta l-punti mressqa quddiemu miz-zewg partijiet, b'dan li jista' jinghad li din id-decizjoni ma hijiex motivata skond il-ligi u dan irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Maltacom plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) huwa necessarju li decizjoni tkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda ikun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li l-Arbitru naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni

ghax naqset li titratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Natalia Aquilina vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Mejju 2011) inghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-Arbitru ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li jittratta dak li huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex issir dan l-istess Arbitru, u tribunal jew organu gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u f'dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun verament motivata **("Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** – A.C. – 4 ta' Marzu 2002; **"Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero' minn naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi sjorat u anke sorvolat b'deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta' konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **("Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Jannar 2004)

**“Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010).

Illi fil-fatt fis-sentenza appena citata **“Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010) inghad li:-

*“…..il-motivazzjoni hi ta’ essenza f’kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborate, u tista’, anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista’ tigi ndividwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet* ***“Joseph Mercieca vs Water Services Corporation”*** *Appell Inferjuri, 27 ta’ Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta’ fehma giet, sa ricentement hafna, abbracjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re:* ***Frank P. Borg. Limited vs Joseph Camilleri”,*** *28 ta’ Mejju 2010”.*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 30 ta’ Jannar 2009) tant li gie ritenut li:-

*“fl-adempjiment ta’ l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta’ dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu”.*

Illi fis-sentenza **“Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. *“Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imam wkoll biex tkun tista’ tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom”.*

Illi hekk fid-decizjoni **“Michael Gatt vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. – 19 ta’ Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi

epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom u mhux jisfjorhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiema **("Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghall dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju *cerimus paribus* u ta' smigh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata. Dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni hawn suggetta ghal dan l-appell, u dan iktar u iktar meta l-aggravji kienu cari u l-eccezzjonijiet ghall-istess ben impostati, li kollha kienu diretti lejn id-decizjoni tad-Dipartiment li rreteniet li l-assi kapitali tal-appellant sabiex jiehu l-Ghajnuna Socjali ghal Dizimpjieg kienu jaccedu dak lilhu permess mill-Ligi, u dawn kienu punti li fid-decizjoni tal-Arbitru ma gew indirizzati, u dan meta tali punti kienu l-mertu tal-appell kollu, u dan huwa iktar gravi fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-appellanti odjerni

quddiemu permezz tal-ittri datata 2 ta’ Frar 2010 u 19 ta’ Jannar 2010 li bl-ebda mod ma gew indirizzati. Oltre minn dan din il-Qorti qed tiddeciedi, li l-Arbitru kellu jiehu in konsiderazzjoni il-fatti relattivi u determinanti ghall kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-partijiet quddiemu, u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall konkluzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi kollha quddiemu, haga li f’dan il-kaz ma saritx u din il-Qorti thoss li l-element ta’ nuqqas ta’ motivazzjoni tad-decizjoni huwa tant bazilari li jirrendi tali decizjoni nulla u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi, u apparti li jista’ jitqajjem mill-partijiet u huwa punt ta’ dritt suggett ghall-appell quddiem din il-Qorti, huwa wkoll tant bazilari u sahanistra ta’ ordnu pubbliku li jista’ jew ahjar ghandu jitqajjem mil-Qorti *ex ufficio*, anke kieku l-partijiet ma jindirizzawhx, haga li fil-fatt il-partijiet f’dan il-kaz ghamlu kemm fit-trattazzjoni ta’ l-appell seduta stante u permezz tal-att gudizzjarju prezentat minnhom fil-mori ta’ dan l-appell.

Illi dan huwa kaz mhux ta’ kwistjoni ta’ mankanza ta’ xi ezami profond, jew xi motivazzjoni b’mod telegrafiku, izda mankanza totali li l-istess Arbitru jittratta u jikkonsidra u jghati decizjoni motivata fuq il-punti esposti quddiemu mill-istess partijiet b’dan li certament li bid-decizjoni tieghu mertu ta’ dan l-appell ma jistax jinghad li l-istess aggravi u sottomissjonijiet maghmula quddiemu gew b’xi mod investiti, trattati u decizi u l-konkluzjoni raggunta fl-istess decizjoni ma ghandha motivazzjoni jew spejgazzjoni ta’ xejn. B’hekk tali decizjoni tikser anke wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u ghaliex il-punti in diskussjoni bl-ebda mod ma jista’ jinghad li gew ezaminati u wisq inqas investiti u spjegati fid-decizjoni appellata b’dan li allura isegwi li l-mertu tal-appell ma giex effettivament ikkunsidrat u deciz. F’dan il-kaz ma hemmx wiehed x’jaghmel hlief li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi (**“Philip Zerafa vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010); **“Anna Maria Cavallari vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** - A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 8 ta' Marzu 2011 biss fis-sens hawn deciz anke in vista tal-att gudizzjarju li gie pprezentat mill-partijiet fil-mori ta' dan l-appell** u ghalhekk tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **"Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" (Decizjoni 022/11)** u tiddikjara l-istess bhala nulla u bla effett ghal kull effett u buon fini tal-ligi u tirrinvija u tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru sabiex fid-dawl tal-premess jghaddi ghad-decizjoni tieghu motivata skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------